MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GINO CAMILLERI**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 544/2011/1

**Fl-atti tas-subbasta (mobbli) Numru: 23/2009 wara digriet tat-2 ta’ Gunju 2009 fejn gie ordnat il-ftuh tal-konkors ta’ kredituri fl-ismijiet:-**

**Credit Europe Bank N.V., Bank esteru registrat l-Olanda rapprezentat lokalment mill-mandatarju specjali l-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino (Karta tal-Identita 441061M)**

**-vs-**

**Il-bastiment “Bodrum”, IMO Numru 763 registrat il-Marshall Islands bin-numru ufficcjali 2967 fil-propjeta ta’ Bodrum Maritime Inc., tunnellagg gross 22186 u tunnellagg nett 6655.**

Il-Qorti

Rat id-dikriet taghha tas-17 ta’ Awissu 2009 li bih giet nominata bhala Perit Legali l-Avukat Dottor Jessica Galea bl-inkariku li tezamina l-varji rikorsi u atti ohra presentati mid-diversi kredituri tal-bastiment “Bodrum” u tistabilixxi n-natura ta’ kull kreditu u tirrelata dwar il-pregradwazzjoni tal-istess krditi.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali l-Avukat Dottor Jessica Galea debitament konfermata bil-gurament fil-31 ta’ Jannar 2011..

Rat il-varji noti ta’ kritika presentati mill-kredituri in partikolari mill-bank kreditur Credit Europe Bank N.V. u mill-kreditur l-iehor Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS.

Rat ir-rikors tal-25 ta’ Mejju 2011 tal-imsemmija kredituri Credit Europe Bank N.V. fejn fost affarijiet ohra gie mitlub li jigi ordnat l-isfilz ta’ “provi godda” prodotti mill-kredituri l-ohra Gemak Gemi fi stadju meta l-provi kienu maghluqin.

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti ghall-finijiet tal-presenti decizjoni u d-dokumenti esibiti.

Semghat it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-imsemmija zewg kredituri.

Ikkonsidrat:-

Illi a skans ta’ ripetizzjonijiet inutli qed issir referenza għal dik il-parti tar-relazzjoni tal-Perit Legali intitolata “Preliminari A” u ċioe minn fol 1 sa’ fol 7 tal-istess relazzjoni, fejn b’mod eżawrenti nghata l-isfond fattwali tal-kwestjonijiet li ser jigu ttrattati u decizi bil-presenti. Ghalhekk l-imsemmija parti tar-relazzjoni tal-abbli Perit Legali ghandha titqies li tifforma parti integrali mill-presenti decizjoni. U ghandha tghodd ukoll ghall-konsiderazzjonijiet kollha li gejjin.

FL-ewwel lok sejra ssir analiżi tal-krediti skond l-ordni tad-diversi talbiet kif ġew ippreżentati f’dan il-konkors, u sejra

ssir referenza għall-provi prodotti mill-varji kredituri kif ukoll għall-konklużjonijiet relattivi li waslet għalihom il-perit legali. Sussegwentement ikun jista' jiġi deċiż jekk il-krediti pretiżi għandhomx jiġu ammessi, u jekk iva, kif dawn għandhom jippregradwaw.

**Kreditu pretiż mill-Bank Credit Europe Bank N.V. fl-ammont ta' tnax-il miljun tlett mija u tnejn u sebgħin elf mija u sebgħa u ħamsin euro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€12,372,157.21), liema kreditu l-Bank qed isostni li huwa pregradwat u jgawdi privileġġ a tenur tal-Artikli 50 u 54A(3) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Dwar dan il-pretiz kreditu l-Perit Legali kkonkludiet li, mill-provi prodotti, dan il-kreditu għandu jiġi ammess peress illi dan il-kreditu jirriżulta ampjament ippruvat. Bħala prova ta' dan il-kreditu il-bank kreditur ipproduca l-kuntratt ta' self (Loan Agreement) datat 6 ta' Awissu 2007, magħmul bejn Credit Europe Bank N.V. u s-sidien tal-bastiment intimat, Bodrum Maritime Inc., kif ukoll mas-soċjeta' Datca Maritime Inc., bis-saħħa ta' liema kuntratt ġiet avvanżata faċilita' bankarja b'titolu ta' self fis-somma globali ta' tlettax-il-miljun u għoxrin elf euro (€13,020,000.00) u għall-liema self iż-żewg soċjetajiet debitriċi cioe' Bodrum Maritime Inc. u l-imsemmija Datca Maritime Inc., obbligaw ruħhom in solidum li jirrestitwixxu u jroddu lura lill-Credit Europe Bank N.V. l-ammonti kollha dobuti lill-istess bank u dana taħt il-pattijiet u l-kondizzjonijiet kif pattwiti fl-istess kuntratt.

L-istess bank kreditur ipproducja kopja ta' ipoteka navali ossia First Preferred Marshall Islands Mortgage a favur tal-istess bank Credit Europe Bank N.V. liema ipoteka ġiet iskritta fir-reġistru tal-bastiment fil-Marshall Islands fl-14 ta' Awissu 2007 għas-somma globali ta' tlettax-il miljun u għoxrin elf euro (€13,020,000.00) oltre imgħax u spejjeż in kawtela ta' obbligi naxxenti mill-imsemmi Loan Agreement. Gie prodott ukoll mill-istess bank parir legali bil-miktub datat l-1 ta' Novembru 2007 u kkonfermat bil-ġurament mill-Avukat Frank A. Atcheson tad-ditta ta' avukati estera Clark, Atcheson & Reisertat fejn gie kkonfermat li l-imsemmija ipoteka navali tissodisfa r-

rekwiżiti legali elenkati fl-artiklu 49 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta b’dan għalhekk illi l-imsemmi Mortgage esteru għandu jiġi rikonoxxut bħala eżegwibbli hawn Malta bħala ipoteka navali bl-istatus, drittijiet u s-setgħat kollha speċifikati fil-Kap.234 tal-Liġijiet ta’ Malta. Kopja legali tal-imsemmi parir legali tinsab annessa fl-Atti tas-subbasta.

Ghandha ukoll tiġi adottata l-konklużjoni tal-Perit Legali illi l-imsemmi kreditu jaqa’ taħt l-Artiklu 54A(3) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta bħala kreditu garantit minn ipoteka barranija rikonoxxuta taħt Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta u bħala kreditu debitament privileġġjat skond l-istess Artiklu 54A(3) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Kreditu pretiż mill-istess bank Credit Europe Bank N.V. fl-ammont ta’ tlett mija u sitta u erbgħin elf, mitejn u tlieta u sittin Dollaru Amerikan u tnejn u erbgħin ċenteżmu ($346,263.42) liema kreditu l-Bank qed isostni li huwa pregradwat u jgawdi privileġġ a tenur tal-Artiklu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta.**

Dwar dan il-pretiz kreditu l-Perit Legali wara likkonsidrat il-provi li gab l-imsemmi Bank Kreditur f’dan ir-rigward (cioe’ affidavit ta’ Russell Welsh, Direttur tad-Diviżjoni Legali fil-Bank Credit Europe Bank N.V u dokumenti annessi) u wara li kkonsidrat l-osservazzjonijiet li saru ghar-rigward ta’ dan il-pretiz kreditu mis-soċjetà kreditrici l-ohra Gemak fejn essenzjalment gie sottomess li l-obbligu tal-bastiment BODRUM versu l-membri tal-ekwipaġġ ma ġiex ippruvat mill-Bank Credit Europe li allegatament għamel il-pagament relattiv u wara li kkonsidrat ir-risposti tal-bank kreditur cioe’ Bank Credit Europe kkonkludiet illi minkejja illi l-partijiet għandhom iressqu l-aħjar prova, provi alternattivi illi jissodisfaw il-ġudikant fiċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari huma suffiċjenti, u kompliet illi l-provi mressqa mill-Bank jippruvaw dan il-kreditu pretiż bħala surrogat tal-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment Bodrum u li l-imsemmi kreditu għandu jiġi meqjus bħala privileġġat taħt l-artikolu 50(h) tal-Kap 234 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Filwaqt illi dan li qalet il-Perit Legali qiegħed jiġi aċċettat għall-istess raġunijiet li tagħti l-istess Perit Legali jingħad ukoll illi ma għandhiex raġun is-soċjetà Gemak fl-oggezzjoni tagħha illi ma ngabitx l-ahjar prova sodisfaċċenti li effettivament l-ammonti mhallsa kienu fil-fatt dovuti a tenur tal-kuntratt tal-impjieg u l-perjodu li ma kinux imhallsin ghalihom. Issir riferenza hawnhekk għall-irċevuta tal- Kaptan Kozlov Oleksandr li tgħid hekk:- "I, the undersigned, Kozlov Oleksandr, Master of Marshall Islands flagged M.V. "Bodrum", hereby declare and confirm that all the wages for services on board the vessel, including but not limited to the overtime payments, vacation payments etc amounting to USD 33,953.94 have been fully paid to me by Credit Europe Bank N.V. for my time served on the aforementioned vessel beginning on or around 16 DEC 2008. By this letter, I hereby confirm and declare that I irrevocably assign to Credit Europe Bank N.V. all of my rights against M.V. "BODRUM" and/or her owners Bodrum Maritime Inc including the ancillary in connection with these payments of wages to me. I hereby declare and confirm that all the wages have been fully paid to me in respect of M.V. "BODRUM" and I have no outstanding wages claim."

Permezz ta' din l-ircevuta qed issir il-prova li l-Kaptan Kozlov Oleksandr ma thallasx salarji mis-sidien tal-bastiment u li thallas is-salarji u benefficcji dovuti lilu fis-somma indikata mill-Bank kreditur. L-istess dikjarazzjoni u rcevuta giet debitament iffirmata minn kull membru tal-ekwipagg iehor. Kwindi, jingħad illi anke wara li ngħatat konsiderazzjoni għal dak li gie sottomess mis-soċjetà Gemak fin-nota ta' Kritika, il-prova tal-ammonti dovuti lill-membri rispettivi tal-ekwipagg jirrizultaw minn kull rcevuta individwali iffirmata mill-istess membri tal-ewkipagg

Kwindi l-pagamenti li għamel il-Bank kreditur fir-rigward ta' dan il-preiz kreditu ġew in effett ikkwantifikati u ivverifikati billi l-istess Bank irnexxielu b'mod sodisfaċjenti jipprova l-kreditu pretiż fit-total ta' tlett mija u sitta u erbgħin elf, mitejn u tlieta u sittin Dollaru Amerikan u tnejn u erbgħin ċenteżmu ($346,263.42) dovut lill-Credit Europe Bank N.V. bħala surrogat tal-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment

"BODRUM". In oltre, dan il-kreditu għandu jiġi meqjus bħala privileġġjat billi huwa kopert bi privileġġ specjali taħt l-Artiklu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Kreditu pretiż mis-soċjeta' estera Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS. fl-ammont ta' tmien mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan (USD 850,000.00) ekwivalenti għal sitt mija ħamsa u ħamsin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€655,343.46), liema kreditu l-imsemmija socjeta'estera ssostni li huwa pregradwat u jgawdi privileġġ a tenur tal-Artiklu 50(j) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta.**

Mir-relazzjoni jidfher li l-Perit Legali analizzat bir-reqqa l-provi imressqa mis-soċjeta' estera Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS u ċioe sentenza ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tal-20 ta' Mejju 2009 fl-ismijiet "Dr. Alison Vassallo għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' estera Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS vs Il-Bastment Bodrum", liema sentenza tinsab annessa fl-Atti tas-subbasta, affidavit datat it-23 ta' Novembru 2009, maħluf minn Dilek Bektasoglu Sanli, dokumenti esebiti mal-imsemmi affidavit, kopja ta' "Protocol" datat il-5 ta' Dicembru 2008 iffirmat mis-sidien tal-bastiment "BODRUM" u s-socjeta Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS, sentenzi ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tal-24 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet "Medserv Operations Ltd vs il-bastiment An Capall Ban", sentenza ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tat-3 ta' Lulju 2003 fl-ismijiet "Syed Tahir Sha vs Kaptan Javed Mukhtar nomine," sentenza ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tat-2 ta' Ottubru 1998, fl-ismijiet "Norman Xerxen nomine vs Philip Grech nomine," sentenza ta' dina l-Qorti (diversament presjeduta) tat-12 ta' Jannar 2005, fl-ismijiet "Iris Dalmas vs Mons. Joseph Dalmas et," "sample copy" tal-kuntratt TOWCON 2008 ippublikata mill-Baltic and International Maritime Council (BIMCO)' u Club Rules tal-West of England Ship Owners Mutual Insurance Association (Luxembourg), il-"Liberties Clause" tal-istandard "Bill of Lading AUSTWHEAT BILL" u estratt tar-rapport tas-16 ta' Frar 1993 tal-perit legali Dr. Andrew

Muscat illi kien gie mqabbad mill-Onorabbli Qorti fil-kawza numru 11/90.

Il-konkluzjonijiet tal-Perit Legali ghar-rigward ta’ dan il-pretiz kreditu qed jigu adottati minn din il-Qorti u cioe’ li jirriżulta ppruvat il-kreditu pretiż mis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS, liema kreditu, kif diġa ingħad, huwa kanonizzat b’sentenza mogħtija minn dina l-Onorabbli Qorti tal-20 ta’ Mejju 2009, għaliex jirriżulta ampjament illi l-kreditu pretiż ta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS huwa validu fl-ammont mitlub ta’ tmien mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan (USD 850,000.00) ekwivalenti għal sitt mija ħamsa u ħamsin elf tliet mija u tlieta u erbgħin Ewro u sitta u erbgħin ċenteżmu (€655,343.46) u tali kreditu huwa għall-ħlas ta’ diversi xogħolijiet illi saru fuq il-bastiment “BODRUM.”

Dwar in-natura ta’ dan il-kreditu ghandha ssir referenza ghall-artikolu 50(j) tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta u ghandu jigi deciz jekk dan il-kreditu pretiż mill-kredituri Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS jistax jigi klassifikat bhala li jaqa fl-ambitu tal-imsemmi artikolu. Dan l-artiklu testwalment jipprovdi li huma privileggjati l-ammonti “li jkollhom jieħdu akredidati għal xogħolijiet, xogħol ta’ ħaddiema u tiswijiet qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu.” Fl-affdavit datat 23 ta’ Novembru 2009 ta’ Dilek Bektasoglu Sanli gie konfermat li l-bastiment “BODRUM” iddaħħal fit-tarzna operata mis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS “Gemak Shipyard” li tinsab gewwa l-port ta’ Tuzla fit-Turkija fit-18 ta’ Awissu 2008, il-bastiment “BODRUM” sussegwentament iddaħħal fit-“Tuzla Gemi Endustrisi” Shipyard fl-1 ta’ Settembru 2008, il-bastiment “BODRUM” reġa’ ddaħħal fit-tarzna “Gemak Shipyard” fil-25 ta’ Settembru 2008. Fid-19 ta’ Diċembru 2008, wara li saru xogħolijiet ta’ riparazzjoni, l-bastiment “BODRUM” ġie rmunkat mill-“Gemak Shipyard” għall-post magħruf bħala l-“anchorage area” tal-port ta’ Tuzla, fejn baqa’ fl-ankoraġġ tal-port ta’ Tuzla bejn id-19 ta’ Diċembru 2008 u t-18 ta’ Jannar 2009. Fit-18 ta’ Jannar 2009, il-bastiment “BODRUM” ġie rmunkat mill-“anchorage area” lejn Malta mit-“tug boat” SEABULK CORMORANT.

Il-Perit Legali, wara li rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet Ulterjuri ta' Credit Europe Bank N.V. tas-16 ta' Lulju 2010, in-Nota ta' Osservazzjonijiet Ulterjuri tas-soċjetà Gemak fejn din analizzat x'jikkostitwixxi vjaġġ marittimu ai termini ta' trattati internazzjonali u l-liġi domestika, b'mod partikolari in-nuqqas ta' ħtiega ta' "self propulsion" tal-bastiment sabiex vjaġġ jitqies bħala tali, ikkonkludiet illi vjaġġ tal-irmonk ta' bastiment għandu jitqies bħala vjaġġ marittimu tal-bastiment irmonkat.

Jingħad illi t-teżi tas-soċjetà Gemak kif imsaħħa mill-awturi li Gemak tiċċita u l-konklużjoni tal-Perit Legali illi vjaġġ b'irmonk huwa vjaġġ marittimu hija waħda korretta, u qiegħda tiġi adottata.

Hawnhekk il-Perit Legali tgħaddi biex tagħmel analiżi tal-manuvri ġeografiċi tal-bastiment, għaliex il-punt kruċjali tal-gradwazzjoni ta' kreditu pretiż taħt l-artiklu 50(j) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta huwa li dan kien dovut "għal xogħolijiet, xogħol ta' ħaddiema u tiswijiet" reżi lill-bastiment eżatt "qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu."

F'dan ir-rigward il-Perit Legali tagħmel riferenza għad-dikjarazzjoni tal-Uffiċju tal-"Harbour Master" ta' Tuzla, datata is-6 ta' Mejju 2009 fejn ġie ikkonfermat illi:

"On 19 December 2008 m.v. Bodrum left Gemak Shipyard and was towed off the port within the boundaries of Port of Tuzla; waited off port between 19th December 2008 and 18th January 2009 and on 18th January 2009, with the certificate of seaworthiness for completion of the voyage, left our port and was towed by the tug named SEABULK CORMORANT."

Tajjeb illi jingħad hawnhekk illi s-sidien tal-Bodrum u s-soċjetà Gemak kienu iffirmaw "Protocol" fil-5 ta' Diċembru 2008 u ftiehmu bejniethom li kellhom jieqfu x-xogħolijiet ta' tiswija fuq il-bastiment li ma tlestewx għal kollox, u kien konsegwenza ta' dan illi l-bastiment ġie rmunkat mill-baċir sal-"anchorage area" tal-port ta' Tuzla

Il-Perit Legali tagħmel riferenza ukoll għall-affidavit datat 25 ta' Frar 2010, maħluf minn Taner Gurkan, li kien l-operations manager tas-sidien tal-Bastiment kif ukoll il-commercial manager tal-Bastiment, ippreżentat minn Credit Europe Bank N.V. fejn xehed - "from Gioa Tauro, Italy, the Vessel continued towards Turkey in ballast and solely for the purpose of repairs. She berthed in the Gemak shipyard (Tuzla Bay, by Istanbul) on 18th August 2008 for repairs. The repairs were not completed ...and the vessel was removed from Gemak Shipyard on or around 19th December 2008. The Vessel was then towed away from Gemak Shipyard to an anchorage area within Tuzla Bay. On the 18th January 2009 the vessel was towed from the anchorage point within Tuzla Bay and arrived in Malta under tow at the end of January 2009. The Vessel was under tow due to the fact that one engine of the Vessel was still not functional. I planned to complete the outstanding part of the repairs to the Vessel in Malta."

Hawnhekk l-analiżi li trid issir hija jekk l-irmonk mit-tarzna operata mis-soċjetà Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS "Gemak Shipyard" sal-ankoraġġ kienx jikkostitwixxi vjaġġ wieħed separat minn dak il-vjaġġ li ġie wara, u ċioe mill-ankoraġġ sa' Malta, jew jekk l-irmonk mill-imsemmija tarzna sa' Malta kienx vjaġġ wieħed, b'interuzzjoni tal-istess vjaġġ fl-ankoraġġ.

Il-Perit Legali ssostni li l-bastiment ma għamilx vjaġġ wieħed mit-Tarzna operata mis-soċjetà Gemak sa' Malta. Il-waqfa fl-ankoraġġ ma kenitx interruzzjoni ta' vjaġġ wieħed għaliex, skond il-Perit Legali, vjaġġ marittimu li jiġi nterrott irrid l-ewwel ikun ippjanat mill-punt tat-tluq, u minħabba raġuni estranei cioe', mhux ikkuntemplata, l-vjaġġ tal-bastiment jiġi nterrott u ma jistax ikompli l-vjaġġ tiegħu sakemm l-affarijiet jerġgħu lura għal kif kellhom ikunu.

Il-Perit Legali tikkonludi illi l-vjaġġ mit-Tarzna sal-ankoraġġ kien vjaġġ wieħed u imbagħad il-vjaġġ mill-ankoraġġ sa' Malta kien vjaġġ ieħor. Imbagħad il-Perit Legali tagħmel

riferenza għas-“Seaworthiness Certificate” u tgħid illi l-bastiment “BODRUM” l-ewwel gie rmunkat sal-ankoraġġ u mhux dritt lejn Malta għax il-bastiment ma setax jitlaq għall-vjaġġ internazzjonali tiegħu mingħajr is-“Seaworthiness Certificate”. Kwindi l-Perit Legali ssostni li l-bastiment baqa’ fl-ankoraġġ għaliex il-bastiment kien qed jistenna l-ħruġ tas-“Seaworthiness Certificate” mill-awtorita’ kompetenti. Il-Perit Legali tikkonkludi illi hemm indikazzjoni li kien intenzjonat li l-bastiment jieqaf fl-ankoraġġ għax ma setax jagħmel vjaġġ marittimu internazzjonali, peress illi l-bastiment ma kienx fi stat “seaworthy”, u dan kienu diġa jafuh sidien tal-bastiment għax mill-ftehim tal-partijiet li joħrog mill-“Protocol” iffirmat mis-sidien tal-bastiment “BODRUM” u s-soċjeta’ estera Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS fil-5 ta’ Diċembru 2008, ix-xogħolijiet fuq il-bastiment ġew imwaqqfa u “some of the vessel’s equipment and structure repairs remain uncompleted. Parties agreed that uncompleted items will be transferred on board the vessel without any remedy action.”

Il-Perit Legali tissottometti li l-bastiment kien qed jistenna l-hrug ta’ seaworthiness certificate waqt li dan kien qed jistenna gol-anchorage area. In vista tal-fatt illi l-bastiment għamel tul ta’ żmien wieqaf fl-ankoraġġ, u ċioe mid-19 ta’ Diċembru 2008 sat-18 ta’ Jannar 2009 hawmnhekk si tratta minn żewġ vjaġġi separati. Il-Perit Legali tikkonkludi illi l-vjaġġ tal-bastiment “BODRUM” mit-tarzna operata mis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS “Gemak Shipyard” sal-ankoraġġ għandu jitqies iżjed bħala vjaġġ imqabbel ma’ “preliminary/approach voyage” distint mill-vjaġġ li jsegwih u l-vjaġġ tal-bastiment mit-tarzna operata mis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS “Gemak Shipyard” (cioe’ mill-baċir) sal-ankoraġġ tal-port ta’ Tuzla kien vjaġġ wieħed, u t-twaqqif tal-bastiment fl-ankoragg kien tmiem dan il-vjaġġ, u mhux interruzzjoni tal-istess vjaġġ.

Il-Qorti hi tal-opinjoni li hi korretta l-konkluzjoni tal-Perit Legali li l-bastiment “BODRUM” għamel vjaġġ mill-baċir sal-ankoraġġ ta’ Tuzla fid-19 ta’ Diċembru 2008 u vjaġġ

tal-irmonk fit-18 ta’ Jannar 2009 mill-ankoraġġ ta’ Tuzla sa Malta.

Kwindi fid-dawl tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta, is-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS ma tgawdix privileġġ taħt l-Artikolu 50(j) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta għaliex il-vjaġġ tad-19 ta’ Diċembru 2008 ma kienx l-aħħar vjaġġ. Kwindi, minkejja illi l-kreditu dovut lis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS huwa validu, peress illi s-servizzi mis-soċjeta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS ma ġewx reżi “qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu. Ghalhekk il-kreditu pretiż mis-socjeta’ Gemak ma jippregradwax taħt l-artiklu 50(j) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta

Dan qiegħed jingħad minkejja dak li tissottometti s-soċjetà Gemak fin-nota ta’ kritika ghar-Relazzjoni Peritali, u ċioe illi moviment ta’ bastiment minn parti ta’ port ghal ieħor ma jistax jitqies bħala “vjaġġ” għaliex skond l-istess socjeta’ vjaġġ iseħħ meta bastsiment jitlaq minn port ġewwa pajjiż għal port ta’ pajjiż ieħor. Jiġi osservat illi ma għandhiex raġun is-soċjetà Gemak f’dan l-argument għaliex il-Liġi nostrana ma titkellimx fuq vjaġġ internazzjonali, iżda biss fuq vjaġġ. Għaldaqstant anke wara li ttieħdet konsiderazzjoni ta’ dak kollu li tissottometti s-soċjetà Gemak f’dan ir-rigward, xorta għandha tibqa’ tgħodd il-konklużjoni tal-Perit Legali.

**Kreditu pretiż mis-soċjeta’ estera Seven Seas Shipchandlers LLC fl-ammont ta’ disgħa u sittin elf, sitt mija tlieta u tletin Dirham u ħamsa u għoxrin Fils (AED 69,633.25) (ekwivalenti għal tlettax-il elf, tlett mija u sitta u għoxrin Ewro u sitt ċenteżmi (€13,326.06) liema kreditu s-socjeta’ qiegħda ssostni li huwa pregradwat u jgawdi privileġġ a tenur tal-Artiklu 50(g) u (m) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta**

Il-Perit Legali ikkompilat lista tal-provi mressqa mis-soċjetà Seven Seas Shipchandlers LLC. Dawn huma nnumerati minn (i) sa (vi) u għal darb’oħra, a skans ta’ ripetizzjoni, qed issir riferenza specifika għal dan l-elenku

tal-provi. Il-Perit Legali, dwar dan il-kreditu, kkonkludiet li s-soċjeta' Seven Seas Shipchandlers LLC ippruvat sufficjentement il-kreditu li tippretendi li hu dovut lilhja mill-bastiment “BODRUM” ghall-ammont ta’ disgħa u sittin elf, sitt mija tlieta u tletin Dirham u ħamsa u għoxrin Fils (AED 69,633.25) ekwivalenti għal tlettax-il elf, tlett mija u sitta u għoxrin euro u sitt ċenteżmi (€13,326.06).

Għar-rigward il-preċedenza tal-kreditu pretiż tas-soċjeta’ Seven Seas Shipchandlers LLC, l-istess soċjeta’ Seven Seas Shipchandlers LLC tgħid illi l-kreditu pretiż minnha huwa pprivileġġjat ai termini tal-Artiklu 50(g) u (m) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Il-Perit Legali kkonkludiet illi ma saritx prova suffiċjenti fir-rigward tal-pregradwazzjoni ta’ dan il-kreditu. Din il-konklużjoni hi giusta għaliex is-soċjeta’ Seven Seas Shipchandlers LLC ma ressqet ebda prova illi hawn si tratta minn “ispejjeż magħmula għaż-żamma fi stat tajjeb tal-bastiment u tal-apparat tiegħu magħduda spejjeż ta’ provisti u proviżjonijiet għall-ekwipaġġ tiegħu magħmula wara l-aħħar dħul tal-bastiment fil-port” (Artiklu 50g)  u cioe dak ta’ Malta u lanqas ma ressqet ebda provi illi hawn si tratta minn “flus li jkollhom jieħdu l-kredituri għal proviżjonijiet, ħwejjeġ ta’ ikel, armament u armar, qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu”(Artikolu 50m), għaliex kif jirriżulta mix-xhieda ta’ Roar Sollie, il-provisti ngħataw meta l-bastiment kien ġewwa l-United Arab Emirates f’Settembru 2007. Kwindi dawn il-provisti la saru qabel it-tluq tal-bastiment għall-aħħar vjaġġ tiegħu u wisq anqas ma saru wara l-aħħar dħul ta’ dan il-bastiment ġewwa l-port ta’ Malta. Għal dawn ir-raġunijiet il-kreditu dovut lis-soċjeta’ Seven Seas Shipchandlers LLC ma jistax jiġi ikkunsidrat bħala kreditu pregradwat li jgawdi privileġġ a tenur tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta.

**Kreditu pretiż mis-soċjeta’ estera Eureka Control Systems PTE Ltd. fl-ammont ta’ erba’ mija u sebgħa u sittin elf tlett mija u ħamsa u għoxrin Dollaru Amerikan u ħamsa u tmenin ċenteżmu (USD 467,325.85) ekwivalenti għal tliet mija u wieħed u tletin**

**elf tlett mija u tnejn u erbgħin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€331,342.78)**

Dwar dan il-pretiz kreditu il-Perit Legali kkonkludiet li ma jistax jigi eskuz li attwalment l-ammont pretiż huwa dovut lill-imsemmija socjeta', iżda, għall-fini u effetti tal-liġi, partikolarment ta' dawn il-proċeduri, l-Perit Legali kkonfermat li l-pretiz kreditu in efett ma' giex suffiċjentement pruvat. Din il-konkuzjoni tal-Perit Legali għandha tiġi adottata peress illi is-soċjeta' Eureka Control Systems PTE Ltd naqset milli tipprova l-kreditu illi allegatament huwa dovut lilha. Kwindi lanqas għandu bżonn jingħad xejn aktar rigwardanti xi dritt ta' pregradwazzjoni ta' dana l-allegat kreditu.

**Gradwazzjoni tal-krediti ai termini tal-artikolu 50 u 54A(3) tal-Kap 234**
L-artikolu 50 tal-Kap 234 jindika liema huma l-krediti li huma garantiti bi privilegg specjali kontra l-bastiment. L-artikolu 54A tal-istess kapitolu jipprovdi illi l-krediti specifikati fl-artikolu 50 ghandhom ikunu gradwati fl-ordni murija fih u fi preferenza ghal krediti ipotekarji u privilegjati ohra.

Filwaqt illi ssir riferenza għall-ordni ta' gradwazzjoni li tirrizulta mill-artikolu 54A jingħad illi l-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Perit Legali dwar kif il-krediti għandhom jippregradwaw hija waħda korretta u għandha tiġi adottata.

Ghalhekk il-Qort tipprovdi li l-krediti għandhom jippregradwaw kif ġej:-

L-ewwel l-ispejjeż legali.

It-tieni l-Credit Europe Bank N.V. bħala kreditur surrogat, għandu jirċievi l-ammont ta' tliet mija u sitta u erbgħin elf, mitejn u tlieta u sittin Dollaru Amerikan u tnejn u erbgħin ċenteżmu ($346,263.42) fl-ekwivalent tagħha f'euro liema ammont huwa privileġġjat taħt l-Artiklu 50(h) tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, għall-ħlas li għamel il-Bank bħala pagi lill-membri tal-ekwipaġġ tal-bastiment "BODRUM", flimkien

mal-ħlas ta’ imgħax li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jiskatta mid-data tal-pagament magħmul mill-Bank sal-pagament effettiv.

It-tielet l-istess Credit Europe Bank N.V. relattivament għar-rimanenti bilanċ tal-ammont depożitat wara li jiġu sodisfatti l-krediti aktar ‘il fuq elenkati. L-imsemmi kreditur ghalhekk għandu jirċievi il-bilanċ li jibqa’ wara l-ħlas tal-ispejjeż legali u l-hlas tal-ammont ta’ $346,263.42 flimkien ma’ imgħaxijiet a tenur ta’ l-Artiklu 54A(3) tal-Kap. 234 tal-liġijiet ta’ Malta bħala kreditu garantit minn ipoteka barranija rikonoxxuta taħt Kap. 234 tal-Liġijiet ta’ Malta, flimkien mal-ħlas ta’ imgħax fuq l-istess bilanċ li fiċ-ċirkostanzi tal-każ jiskatta mid-data tal-pagament magħmul mill-Bank sal-pagament effettiv u dan mingħajr preġudizzju għad-dritt illi l-bank jirċievi l-ammont sħiħ dovut in vista tal-fatt illi l-ammont depożitat taħt l-Awtorita’ ta’ din il-Qorti huwa inferjuri għall-ammont dovut lill-istess Bank.

Ir-rimanenti krediti, ċioe’ (i) il-kreditu ta’ Gemak Gemi Insaat Sanayi Ve Ticaret AS. fl-ammont ta’ tmien mija u ħamsin elf Dollaru Amerikan (USD 850,000.00) u (ii) il-kreditu ta’ Seven Seas Shipchandlers LLC fl-ammont ta’ disgħa u sittin elf, sitt mija tlieta u tletin Dirham u ħamsa u għoxrin Fils (AED 69,633.25)), huma krediti ordinarji u għalhekk għandhom jiggradwaw fl-aħħar nett pari passu bejniethom.

Fl-aħħar nett jinghad, ghal kull buon fini, li l-kreditu pretiż minn Eureka Control Systems PTE Ltd. fl-ammont ta’ erba’ mija u sebgħa u sittin elf tlett mija u ħamsa u għoxrin Dollaru Amerikan u ħamsa u tmenin ċenteżmu (USD 467,325.85) ma għandux jiġi ammess kif intqal aktar ‘l fuq.

Dwar l-imsemmi rikors tal-25 ta’ Mejju 2011 tal-kredituri Credit Europe Bank N.V. fejn fost affarijiet ohra intalab li jigi ordnat l-isfilz ta’ “provi godda” prodotti mill-kredituri l-ohra Gemak Gemi jigi rilevat li s-soċjetà Gemak ippreżentat in-nota ta’ kritika tagħha meta l-istadju tal-ġbir tal-provi kien ingħalaq  u kwindi l-provi kollha li gew prodotti man-nota ta’ kritika tas-soċjetà Gemak ghandhom

jitqiesu bhala provi godda li gew prodotti meta l-istadju tal-gbir tal-provi kien inghalaq. Dawn il-provi godda jikkonsistu fl-affidavit ta' Avukat Tork kif ukoll dokumenti ohra. Sabiex jiġu ammessi provi godda fl-istadju meta l-provi jkunu magħluqa, irid ikun hemm ċirkustanzi eċċezzjonali, u tali cirkostanzi ma jirriżultawx fil-kawża odjerna. L-unika giustifikazzjoni li ssottomettiet is-socjea' Gemak hi li l-istess socjeta' ma ħassitx il-htiega li jigu prodotti l-provi in kwstjoni fl-istadju tal-gbir tal-provi peress li dan il-punt qatt ma qam f'dak l-istadju cioe' tal-gbir tal-provi quddiem il-Perit Legali. Mhux korretta is-socjeta' Gemak f'din is-sottomisjoni għaliex kien l-obbligu tagħha illi tressaq kull prova li hija kellha f'idejha fl-istadju in kwestjoni.

Kwindi d-dokumenti kollha annessi man-nota ta' kritika tas-socjeta' Gemak għandhom jiġu sfilzati u konsegwentement il-Qorti tordna l-isfilz tal-istess dokumenti.

Spejjez kollha relattivi ghal proceduri in kwestjoni jithallsu mill-kredituri kollha in proporzjon tal-ammonti tal-krediti minnhom pretizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------